



Dokument ta' sessjoni

A9-0222/2022

27.7.2022

RAPPORT

dwar ir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE: Laboratorji ħajjin tal-integrazzjoni
Ewropea
(2021/2202(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Younous Omarjee

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	17
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	18
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	19

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE: laboratorji ħajjin tal-integrazzjoni Ewropea (2021/2202(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 4, 162, 174, 175, 176, 177, 178 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa¹ (id-'Direttiva dwar il-Habitats'),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar²,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi³ (id-Direttiva dwar l-Għasafar),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006⁴,
- wara li kkunsidra l-ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tat-39 ta' Ġunju 2017 bit-titolu "Il-konnessjonijiet neqsin fit-trasport fir-reġjuni tal-fruntiera"⁵,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2017 bit-titolu "Spinta lit- tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE" (COM(2017)0534),
- wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-

¹ [ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.](#)

² [ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27.](#)

³ [ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7.](#)

⁴ [ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.](#)

⁵ [ĠU C 207, 30.6.2017, p. 19.](#)

29 ta' Mejju 2018 dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntast transfruntier (il-mekkaniżmu transfruntier Ewropew)(COM(2018)0373).

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2018 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-ekonomija ċirkolari⁶,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2018 dwar Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE⁷,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Kummissjoni tat-3 ta' April 2020 dwar l-Assistenza ta' Emerġenza tal-UE fil-Kooperazzjoni Transkonfinali fil-Kura tas-Saħħa relatata mal-kriżi tal-COVID-19 (COM(2020)2153),
- wara li kkunsidra l-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni Ewropea mit-22 ta' Lulju sal-11 ta' Ottubru 2020 dwar l-eliminazzjoni tal-ostakli transfruntiera⁸,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Il-Kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025 (COM(2020)0625),
- wara li kkunsidra d-Deċizzjoni (UE) 2020/2228 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 dwar is-Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021)⁹,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ewropew tar-Reġjuni tas-26 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Servizzi pubbliċi transkonfinali fl-Ewropa"¹⁰,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Strateġija lejn żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ" (COM(2021)0277).
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni¹¹,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern¹²,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2021 bit-titolu "Reġjuni mal-Fruntieri tal-UE: Laboratorji ħajjin tal-integrazzjoni Ewropea" (COM(2021)0393),
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) bit-titolu "It-Tibdil fil-Klima 2021: Il-bażi tax-xjenza fiżika.

⁶ ĠU C 28, 27.1.2020, p. 40.

⁷ ĠU C 433, 23.12.2019, p. 24.

⁸ https://ec.europa.eu/regional_policy/en/newsroom/consultations/border-2020/

⁹ ĠU L 437, 28.12.2020, p. 108.

¹⁰ ĠU C 106, 26.3.2021, p. 12.

¹¹ ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60.

¹² ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94.

Kontribut tal-Grupp ta' Ħidma I għas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima", ippubblikat fis-7 ta' Awwissu 2021¹³,

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit¹⁴,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tad-29 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "Viżjoni għall-Ewropa: il-futur tal-kooperazzjoni transfruntiera"¹⁵,
- wara li kkunsidra t-tliet pubblikazzjonijiet tematiċi tal-Kummissjoni u tal-Assoċjazzjoni tar-Reġjuni tal-Fruntiera Ewropej tad-9 ta' Diċembru 2021 dwar l-ostakli u s-soluzzjonijiet għall-kooperazzjoni transfruntiera fl-UE, bit-titolu "More and better cross-border public services"¹⁶ (Iktar servizzi pubbliċi transfruntiera u aħjar), "Vibrant cross-border labour market"¹⁷, u "Border regions for the European Green Deal"¹⁸ (Ir-reġjuni tal-fruntiera għall-Patt Ekoloġiku Ewropew),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Assoċjazzjoni tar-Reġjuni mal-Fruntieri Ewropej "B-solutions: Solving Border Obstacle (B-solutions: Is-soluzzjoni ta' Ostakli fuq il-Fruntieri. A Compendium 2020-2021"¹⁹,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (COM(2021)0891),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-IPCC tal-4 ta' April bit-titolu: "Climate Change 2022: Mitigation of Climate Change" (It-Tibdil fil-Klima tal-2022: Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima),

¹³ <https://www.ipcc.ch/report/sixth-assessment-report-working-group-i/>

¹⁴ ĠU L 357, 20.12.2013, p. 1.

¹⁵ ĠU C 440, 29.10.2021, p. 6.

¹⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Brustia, G., Dellagiacom, A., Cordes, C., et al., More and better cross-border public services: obstacles and solutions to cross-border cooperation in the EU (Iktar servizzi pubbliċi transfruntiera u aħjar: ostakli u soluzzjonijiet għall-kooperazzjoni transfruntiera fl-UE, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, <https://data.europa.eu/doi/10.2776/912236>

¹⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Brustia, G., Dellagiacom, A., Cordes, C., et al., Vibrant cross-border labour markets: obstacles and solutions to cross-border cooperation in the EU (Swieq tax-xogħol transfruntiera vibranti: ostakli u soluzzjonijiet għall-kooperazzjoni transfruntiera fl-UE, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, <https://data.europa.eu/doi/10.2776/094950>

¹⁸ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Brustia, G., Dellagiacom, A., Cordes, C., et al., "Border regions for the European Green Deal: obstacles and solutions to cross-border cooperation in the EU" (Reġjuni tal-fruntiera għall-Patt Ekoloġiku Ewropew: ostakli u soluzzjonijiet għall-kooperazzjoni transfruntiera fl-UE", Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, <https://data.europa.eu/doi/10.2776/475773>

¹⁹ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Brustia, G., Dellagiacom, A., Cordes, C., et al., B-solutions, solving border obstacles: a compendium 2020-2021, (B-solutions, insolvu l-ostakli fil-fruntieri: kompendju 2020-2021), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, <https://data.europa.eu/doi/10.2776/625110>

- wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A9-0222/2022),
- A. billi l-Unjoni Ewropea u l-ġirien immedjati tagħha fi ħdan l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) għandhom 40 fruntiera interna fuq l-art u reġjuni tal-fruntieri interni, u billi dawn ir-reġjuni jkopru 40 % tat-territorju tal-UE, jirrappreżentaw 30 % tal-popolazzjoni tal-UE, jipproduċu kważi terz tal-PDG tal-UE u għandhom potenzjal sinifikanti biex jagħtu spinta akbar lill-ekonomija tagħha;
 - B. billi r-reġjuni tal-fruntieri, b'mod partikolari dawk b'densità baxxa ta' popolazzjoni u, b'mod partikolari, iż-żoni rurali, għandhom it-tendenza li jesperjenzaw kundizzjonijiet ta' żvilupp anqas favorevoli u ġeneralment jiksbu riżultati ekonomiċi inqas tajbin minn reġjuni oħra fl-Istati Membri, u billi l-potenzjal ekonomiku tagħhom mhux sfruttat kompletament;
 - C. billi minkejja l-isforzi li saru, diversi ostakli amministrattivi, lingwistiċi u legali għadhom jippersistu u jfixxlu t-tkabbir sostenibbli, l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-koeżjoni bejn u fi ħdan ir-reġjuni tal-fruntieri; billi hija meħtieġa kooperazzjoni akbar u aktar profonda bejn l-awtoritajiet fl-Istati Membri ġirien; billi r-reġjuni tal-fruntieri jibbenefikaw minn strument legali supranazzjonali li kapaċi jaħrab il-konsegwenzi negattivi li jafu jirriżultaw minn azzjonijiet ta' Stati Membri li jifframentaw is-Suq Uniku;
 - D. billi huwa rikonoxxut li approċċ veru minn isfel għal fuq fil-politika ta' koeżjoni Ewropea għadu jeħtieġ li jiġi msaħħaħ u li l-istituzzjonijiet u l-atturi li huma qrib taċ-ċittadini, ir-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali, għandhom jiġu fdati b'ġestjoni aktar diretta ta' fondi mill-baġit tal-politika ta' koeżjoni tal-UE; billi proġetti fuq skala żgħira u transfruntiera għandhom rwol importanti f'dan ir-rigward biex ilaqqgħu lin-nies, u billi jagħmlu hekk jifihom opportunitajiet ġodda għal żvilupp lokali sostenibbli u kooperazzjoni transfruntiera;
 - E. billi ċerti setturi jiffaċċjaw ostakli speċifiċi ħafna li jkun jeħtieġu koordinazzjoni aħjar fil-livell tal-UE, bħas-setturi tal-inbid u l-ispirti, li huma soġġetti għal piżijiet amministrattivi kbar sabiex jiġu kummerċjalizzati jitqiegħdu fis-suq fil-pajjiżi ġara; billi soluzzjonijiet prattiċi, bħall-aċċess għall-punti uniċi ta' servizz, iridu jkun aċċessibbli għall-operaturi ekonomiċi fejn possibbli;
 - F. billi l-pandemija tal-COVID-19 għamlet dawk l-ostakli aktar diffiċli biex jiġu meġħluba, u billi, fuq bażi ta' kuljum, ħaddiema transfruntiera jiffaċċjaw sitwazzjoni li fiha regoli tas-saħħa differenti u kontroproduttivi jiġu stabbiliti fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera;
 - G. billi l-għeluq tal-fruntieri nazzjonali minħabba l-pandemija tal-COVID-19 żvela l-vulnerabbiltà u l-interdipendenza uniċi tar-reġjuni transfruntiera tal-Ewropa; billi t-tfixkil tal-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi, persuni u tagħmir mediku essenzjali rriżulta f'konsegwenzi ekonomiċi detrimental;
 - H. billi l-għeluq temporanju tas-servizzi pubbliċi u tal-kura tas-saħħa transfruntiera hedded l-għajxien tal-ħaddiema transfruntiera u rriżulta fi tbatija finanzjarja għall-intrapriżi

żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fir-reġjuni tal-fruntiera; billi l-kriżi tal-COVID-19 kienet responsabbli għall-emerġenza ta' sfidi legali u amministrattivi ġodda fir-reġjuni tal-fruntiera, bħat-telexogħol, u billi t-teleħaddiema jiffaċċjaw kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni soċjali u l-liġijiet tat-taxxa;

- I. billi l-pandemija tal-COVID-19 wasslet ukoll għal atti notevoli ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri ġirien, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak lokali;
- J. billi xi reġjuni tal-fruntieri qed jiffaċċjaw sfidi infrastrutturali kritiċi bla preċedent relatati mal-kriżi tar-rifuġjati kkawżata mill-aggressjoni militari li għaddejjja bħalissa tar-Russja fl-Ukrajna; billi s-sitwazzjoni l-ġdida ta' wara l-COVID-19 tikkontribwixxi wkoll għall-vulnerabbiltà tagħhom;
- K. billi l-fruntieri nazzjonali għadhom ta' spiss ħafna jifframmentaw it-territorji naturali, u b'hekk jagħmlu l-protezzjoni u l-ġestjoni tagħhom inqas effettivi, speċjalment meta jitqies il-fatt li japplikaw oqfsa legali differenti;
- L. billi t-tluq tal-massa mir-reġjuni tal-fruntieri, speċjalment min-naħa taż-żgħażagħ u l-ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, juri n-nuqqas ta' opportunitajiet ekonomiċi f'reġjuni bħal dawn u jagħmilhom saħansitra inqas attraenti f'termini ta' impjiegi u żvilupp ekonomiku sostenibbli; billi hemm nuqqas ta' opportunitajiet ta' taġġim tal-lingwi, kif ukoll nuqqas ta' inizjattivi li jqajmu kuxjenza dwar il-benefiċċji għar-residenti tal-fruntieri tat-taġġim tal-lingwa tal-pajjiż ġar; billi mhux id-dokumenti amministrattivi kollha ġew tradotti fil-lingwa tal-Istati Membri tal-fruntiera; billi l-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jirrimedjaw dik is-sitwazzjoni u l-Kummissjoni għandha taġġithom parir f'dak il-proċess;
- M. billi bir-Regolament Interreg 2021-2027 il-ġdid ir-reġjuni tal-fruntieri issa għandhom qafas ċar ta' appoġġ finanzjarju għal governanza transfruntiera msaħħa sabiex jiġi stimulat l-irkupru ekonomiku, jinħolqu azzjonijiet ambjentali komuni u jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima;
- N. billi l-konklużjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 għadha lura, u dan idgħajjef l-allokkazzjoni ta' riżorsi vitali fit-territorji fil-bżonn;
- O. billi kooperazzjoni transfruntiera frammentata u insuffiċjenti tista' twassal għal vulnerabbiltà akbar għad-diżastri naturali u avvenimenti estremi tat-temp fir-reġjuni tal-fruntieri;
- P. billi l-UE hija magħmula wkoll minn reġjuni transfruntiera marittimi bħall-gżejjer fil-Mediterran u reġjuni ultraperiferiċi fl-Oċean Atlantiku u fl-Oċean Indjan; billi l-pożizzjoni ġeografika remota ta' uħud mill-gżejjer Ewropej, flimkien mal-kundizzjoni tagħhom bħala reġjuni tal-fruntieri, jesponuhom għal taħlita ta' restrizzjonijiet fis-suq tax-xogħol u fl-oqfsa tat-trasport u l-kura tas-saħħa, u dan ifixkel bil-kbir il-potenzjal tat-tkabbir tagħhom;
- Q. billi huwa rikonoxxut li l-vulnerabbiltà unika tar-reġjuni tal-fruntieri tirrikjedi bidliet fil-metodi ta' finanzjament fir-reġjuni tal-fruntieri sabiex finalment jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għar-reġjuni tal-fruntieri fil-konfront tal-art tal-qalba; Billi, barra minn hekk, huwa rrakkomandat li dawn il-bidliet jinkludu t-tnaqqis ta' "borderland billion" aġġustat għall-

inflazzjoni mill-baġit ta' koeżjoni tal-Unjoni u li dan jiġi riżervat speċifikament għar-reġjuni tal-fruntiera;

- R. billi huwa stmat li l-adozzjoni tal-proposta għal regolament tal-mekkaniżmu transfruntier Ewropew (ECBM), ippubblikat f'Mejju 2018 mill-Kummissjoni fuq rakkomandazzjoni tal-Presidenza Lussemburgiża tal-Kunsill, kienet tgħin biex jingħelbu mill-inqas 30 %, u x'aktarx anke 50 %, tal-ostakli rikonoxxuti għall-kooperazzjoni transfruntiera;
1. Jilqa' l-komunikazzjoni ppubblikata mill-Kummissjoni fl-2021 intitolata "Reġjuni mal-Fruntieri tal-UE: Laboratorji ħajjin tal-Integrazzjoni Ewropea", li tinkludi informazzjoni dettaljata dwar l-ostakli li jiffaċċjaw ir-reġjuni tal-fruntieri fl-UE;

Karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni tal-fruntieri

2. Jirrimarka li l-Artikolu 174 tat-TFUE jirrikonoxxi l-isfidi li jiffaċċjaw ir-reġjuni tal-fruntieri u jiddikjara li l-UE għandha tagħti attenzjoni partikolari lil dawk ir-reġjuni meta tiegħu azzjoni biex issaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE.
3. Jenfasizza li l-isfidi li jiffaċċjaw ir-reġjuni tal-fruntiera, b'mod partikolari dawk bi fruntieri marittimi biss, bħala fruntieri speċifiċi bil-ħtiġijiet tagħhom stess, kif ukoll iż-żoni rurali u b'densità baxxa, ivarjaw minn reġjun għal ieħor skont iċ-ċirkostanzi legali, amministrattivi, lingwistiċi, kulturali, soċjoekonomiċi, ambjentali, demografiċi u ġeografiċi li japplikaw fir-reġjun ikkonċernat; jenfasizza l-ħtieġa ta' użu effettiv u koordinazzjoni akbar tal-fondi tal-UE biex jiġi żgurat approċċ aktar komprensiv għall-isfidi msemmija qabel; jappella għall-involviment tal-awtoritajiet u l-komunitajiet lokali u approċċi mfassla apposta li jkunu integrati, imfassla apposta u speċifiċi għar-reġjun, bħala parti minn qafas ta' governanza f'diversi livelli; jisħaq fuq il-ħtieġa li ssir riflessjoni dwar l-isfidi li jiffaċċjaw xi reġjuni tal-fruntieri marbuta mal-aggressjoni kontinwa tar-Russja fl-Ukrajna;
4. Jirrakkomanda inizjattiva tal-UE li tipprovdi korsijiet tal-lingwa għal-lingwi tal-pajjiżi ġara bi prezz baxx għall-parteċipanti fir-reġjuni NUTS-3 kollha li t-territorju tagħhom għandu konfini ma' Stat Membru ġar; iħeġġeġ sabiex din l-inizjattiva tal-UE tkun ukoll inkarigata li tqajjem kuxjenza dwar il-benefiċċji tat-tagħlim tal-lingwa tal-pajjiż ġar;
5. Jisħaq li piżijiet sproporzjonati, bħall-iżvantaġġi strutturali inerenti ffaċċjati mir-reġjuni tal-fruntieri kollha għandhom jiġu kkompensati b'reġim separat għall-għajjnuna reġjonali mfassla speċifikament għar-reġjuni tal-fruntieri;
6. Jitlob li 0,26 % tal-baġit tal-politika ta' koeżjoni tal-UE jkun allokat esklużivament għall-iżvilupp tar-reġjuni tal-fruntieri fil-bidu ta' kull perjodu ta' programmazzjoni ġdid, li jibda mill-perjodu 2028-2034 ("borderland billion"); jissuġġerixxi wkoll li fejn dawn il-fondi ma jintużawx fir-reġjuni tal-fruntiera, l-ammont li jifdal għandu jerġa' lura għall-baġit ta' koeżjoni tal-UE;
7. Jissuġġerixxi li l-"borderland billion" jiġi fdat lir-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (EGTCs) jew lil reġjuni tal-fruntieri fejn jeżistu strutturi komparabbli; jappella sabiex l-EGTCs jew l-istrutturi komparabbli jingħataw livell għoli ta' awtonomija fir-rigward tal-użu tal-fondi u l-għażla tal-proġetti;

8. Jitlob li l-Istati Membri jneħħu l-ostakli eżistenti u jippermettu lill-EGTCs livell ogħla ta' awtonomija fir-rigward tal-għażla tal-proġetti u l-użu tal-fondi, b'mod partikolari billi jidentifikaw l-EGTCs bħala awtoritajiet ta' ġestjoni tal-programmi Interreg f'konformità mal-Artikolu 45(4) tar-Regolament Interreg, filwaqt li jsaħħu l-kapaċità istituzzjonali u finanzjarja tal-EGTCs f'konformità mal-Artikolu 14(4) tar-Regolament Interreg jew jaħtru EGTCs bħala benefiċjarji li jimmaniġġjaw fondi għal proġetti żgħar, f'konformità mal-Artikolu 25(2) tar-Regolament Interreg; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni toħloq inċentivi għall-Istati Membri biex jagħmlu użu mill-għażliet ta' hawn fuq biex jagħtu rwol aktar sostanzjali lill-EGTCs sabiex verament jimplementaw l-oġettiv ta' politika 5 tal-politika ta' koeżjoni tal-UE għall-2021-2027: Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini;
9. Jirrakkomanda li jsiru bidliet fil-Linji Gwida tal-UE dwar l-Għajnuna Reġjonali; jissuġġerixxi li, peress li inqas minn nofs il-popolazzjoni totali tal-UE tista' tirċievi għajnuna reġjonali fl-istess ħin, ir-reġjuni tal-fruntieri jingħataw prijorità fil-qafas ta' din ir-regola;

Reżiljenza permezz ta' kooperazzjoni istituzzjonali aktar profonda;

10. Jilqa' l-progress li sar s'issa mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tagħha tal-2017, b'mod partikolari permezz tal-inizjattiva "b-solutions", li pprovdiet appoġġ legali u amministrattiv lill-awtoritajiet tar-reġjuni tal-fruntieri u li jiġu rriżolti 90 każ ta' ostakli għall-interazzjonijiet, iżda wkoll permezz ta' appoġġ għall-iffaċilitar tal-aċċess għall-impjiegi, il-promozzjoni tal-multilingwiżmu transfruntier u l-ġbir flimkien tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa;
11. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jqajmu kuxjenza fost ir-reġjuni transfruntiera dwar il-possibbiltà li jirċievu appoġġ mill-Kummissjoni fl-ambitu tal-inizjattiva b-solutions; jissottolinja li l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar b-solutions ta' suċċess tista' tikkontribwixxi biex issolvi u tipprevjeni l-emerġenza ta' ostakli amministrattivi u legali ġodda;
12. Jissottolinja, madankollu, li b-solutions waħedhom ma jistgħux jirrappreżentaw rispons xieraq u effettiv għall-ostakli legali u amministrattivi li jaffettwaw ir-reġjuni tal-fruntieri;
13. Jirrikonoxxi l-importanza tar-rwol li jiżvolġu l-makroreġjuni, l-Ewroreġjuni, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u l-assoċjazzjonijiet fil-promozzjoni tal-interess kollettiv u fil-qasam tal-kooperazzjoni transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tibda valutazzjoni fil-fond ta' Strateġiji makroreġjonali, bl-għan li tevalwa il-koerenza tagħhom mal-prijoritajiet ambjentali u diġitali mġedda tal-UE;
14. Jirrimarka li, minkejja l-isforzi li saru, għadhom jeżistu diversi ostakli amministrattivi, legali u lingwistiċi, u dawn ifixklu t-tkabbir sostenibbli, l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-koeżjoni bejn u fi ħdan ir-reġjuni tal-fruntieri;
15. Jinnota li l-biċċa l-kbira tal-ostakli li jxekklu l-kooperazzjoni transfruntiera huma ta' natura legali, li jirriżultaw minn liġijiet nazzjonali diverġenti jew liġijiet ġenerali tal-UE; ifakkar, għalhekk, li fl-2018 il-Kummissjoni ħarġet proposta għal regolament dwar mekkaniżmu transfruntier Ewropew (ECBM) (COM(2018)0373);

16. Jirrimarka li l-aċċess għas-servizzi pubbliċi huwa kruċjali għall-popolazzjoni ta' 150 miljun ruħ taż-żoni transfruntiera interni, u ta' spiss jiġi mxekkel minn bosta ostakli legali u amministrattivi; Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmassimizzaw l-isforzi tagħhom biex ineħħu dawn l-ostakli, speċjalment meta jkunu relatati mas-servizzi tas-saħħa, it-trasport, l-edukazzjoni, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u l-ambjent;
17. Jissottolinja li l-ECBM, kif propost mill-Kummissjoni, kien jikkontribwixxi biex jelimina aktar minn 50 % ta' dawn l-ostakli, b'mod partikolari fir-rigward tan-nuqqas ta' trasport pubbliku transfruntier u l-aċċess limitat għas-servizzi tal-impjieg, tal-edukazzjoni, tal-kultura u tad-divertiment; jiddeplora, f'dan ir-rigward, l-iffriżar mill-Kunsill tal-proċess leġislativ relatat mal-ECBM; ifakkar li dan il-mekkaniżmu għandu l-għan li jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni transfruntiera fuq proġetti konġunti f'oqsma differenti (infrastruttura, kura tas-saħħa, xogħol, eċċ.) billi jippermetti lil wieħed minnhom japplika d-dispożizzjonijiet legali tal-Istat Membru ġar jekk l-applikazzjoni tal-liġijiet proprji tiegħu tippreżenta ostakli legali;
18. Jinnota li l-proposta tal-ECBM kienet appoġġjata minn maġġoranza kbira fil-Parlament fi Frar 2019, u matul id-dibattitu fil-plenarja wara l-mistoqsija orali lill-Kunsill f'Ottubru 2021; ifakkar li l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari dwar dan ir-regolament kienet tinkludi formulazzjonijiet speċifiċi li kienu jiżguraw l-applikazzjoni volontarja tiegħu, u b'hekk itaffi t-tħassib tal-Istati Membri;
19. Jistieden lill-Kummissjoni temenda l-proposta attwali filwaqt li tqis il-konklużjonijiet tas-servizzi legali tal-Kunsill u tal-Parlament, bil-ħsieb li tfittex bilanċ bejn il-pożizzjonijiet rispettivi tal-koleġiżlaturi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li din il-proposta tqis it-tisħiħ tar-reġjuni transfruntiera, billi jiġi antiċipat id-dannu li jista' jiġi previst fir-reġjuni li se jkunu milquta l-iktar mill-konsegwenzi tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; jitlob lill-Kummissjoni terġa' tibda n-negozjati mal-Istati Membri sabiex tikseb mill-aktar fis l-approvazzjoni ta' sistema biex jingħelbu l-ostakli legali jew amministrattivi fil-fruntieri, bil-għan li tiffaċilita l-ħajja ta' dawk li jgħixu fir-reġjuni transfruntieri;
20. Jilqa' l-adozzjoni tal-proġett pilota Cross-Border Crisis Response Integrated Initiative (CB-CRII), li għandu l-għan li jsaħħaħ ir-reżiljenza tar-reġjuni tal-fruntieri għal kriżijiet futuri; iħeġġeġ lid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Politika Reġjonali u Urbana jimplimenta l-proġett²⁰;
21. Jissottolinja li, b'mod parallel mal-ħsara kkawżata mill-COVID-19, u b'mod partikolari mal-għeluq tal-fruntieri li gābet magħha il-pandemija, ir-reġjuni tal-fruntieri qed jiffaċċjaw il-konsegwenzi tal-Brexit, li qed joħolqu ostakli ġodda għall-kummerċ ħieles u tfixkil serju għall-kummerċ transfruntier bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, u b'hekk qed jaggravaw is-sitwazzjoni tal-intrapriżi u tan-negozji fir-reġjuni tal-fruntieri; jilqa' f'dan ir-rigward il-ftehim milħuq dwar ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR) biex jingħata appoġġ finanzjarju u legali lill-Istati Membri u lir-reġjuni affettwati mill-Brexit;

²⁰ <https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/214920/budg2021-doc6-tab-mt.pdf>

Servizzi pubbliċi transfruntieri ulterjuri u ta' kwalità aħjar;

22. Jinnota b'interess li l-konsultazzjoni pubblika reċenti tal-Kummissjoni dwar it-tneħħija tal-ostakli fil-fruntieri (2020) żvelat li d-diffikultajiet ewlenin għan-nies li jgħixu f'reġjuni tal-fruntieri kienu, fost l-oħrajn, in-nuqqas ta' servizzi tat-trasport pubbliku transfruntiera affidabbli, in-nuqqas ta' servizzi diġitali u l-interoperabbiltà transfruntiera limitata tagħhom, l-ostakli direttament dovuti għad-differenzi fil-lingwa u l-ostakli relatati mal-proċessi leġiżlattivi, u d-disparitajiet ekonomiċi;
23. Jinnota li l-attrazzjoni taż-żoni transfruntiera għall-għajxien u l-investment tiddependi ħafna fuq il-kwalità tal-ħajja, id-disponibbiltà ta' servizzi pubbliċi u kummerċjali għaċ-ċittadini u n-negozji u l-kwalità tat-trasport – kundizzjonijiet li jistgħu jintlaħqu u jinżammu biss permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kif ukoll man-negozji fuq kull naħa tal-fruntiera;
24. Jisħaq fuq ir-rwol kruċjali li l-investimenti f'servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja għandhom fuq il-bini tar-reżiljenza soċjali u l-indirizzar tal-kriżijiet ekonomiċi, tas-saħħa u soċjali;
25. Jirrimarka li l-introduzzjoni ta' servizzi pubbliċi transfruntiera aħjar ittejjeb mhux biss il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini transfruntiera iżda tagħmel il-valur għall-flus ta' dawn is-servizzi kosteffettivi;
26. Jissottolinja li l-koordinazzjoni tas-servizzi tat-trasport fir-reġjuni tal-fruntieri tibqa' insuffiċjenti, parzjalment minħabba konnessjonijiet neqsin jew mhux aktar użati, ħaġa li tfixkel il-mobilità u l-opportunitajiet ta' żvilupp transfruntier; jissottolinja wkoll li l-iżvilupp tal-infrastrutturi tat-trasport transfruntier sostenibbli huwa mxejkel mill-kumplessità tad-dispożizzjonijiet legali u amministrattivi;
27. Jissottolinja li l-ħolqien ta' infrastruttura tat-trasport transfruntier addizzjonali, filwaqt li jkun jiswa l-flus u ta' sfida ambjentali, jista' mhux dejjem ikun l-aħjar soluzzjoni u għalhekk jenfasizza l-potenzjal ta' miżuri mhux vinkolanti biex tingħata spinta lill-konnessjonijiet tat-trasport transkonfinali, bħal koordinazzjoni aħjar tal-iskedi tat-trasport pubbliku, ippjanar inklużiv u l-użu ta' innovazzjonijiet imfassla apposta minn awtoritajiet lokali u reġjonali transfruntiera li għandhom biżżejjed awtonomija biex jilhqgħu għanijiet komuni; jenfasizza li l-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trasport pubbliku għada għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u kosteffiċjenza; jappella għalhekk għall-allokazzjoni f'waqtha tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta biex jiġi żgurat rwol attiv tar-reġjuni tal-fruntieri fl-ilhug tal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;
28. Jenfasizza r-rwol tal-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin li qed iħabbat wiċċu magħhom is-settur tat-trasport tal-Unjoni, inkluż l-iżvilupp ta' Żona Unika Ewropea tat-Trasport li tiffunzjona tajjeb, li tgħaqqad l-Ewropa permezz ta' networks tal-infrastruttura tat-trasport moderni, multimodali u sikuri u l-bidla lejn mobilità b'emissjonijiet baxxi, fost l-oħrajn permezz tal-appoġġ għat-tlestija tal-konnessjonijiet ferrovjarji transfruntiera żgħar neqsin, u b'hekk tikkontribwixxi għall-integrazzjoni Ewropea tar-reġjuni tal-fruntieri;
29. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu qafas legali aktar solidu u aktar ċar sabiex itejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi; jissottolinja f'dan ir-rigward li l-

immappjar tal-konnessjonijiet neqsin fis-settur ferrovjarju, imħejji mill-Kummissjoni, jikkostitwixxi għodda ewlenija li tippermetti li nimxu 'l quddiem f'din id-direzzjoni;

30. Jissottolinja l-ħtieġa li jissawwar legat politiku effikaċi għas-Sena Ewropea tal-Ferroviji, speċjalment fir-reġjuni transfruntieri; jirrimarka li d-dimensjoni Ewropea u transfruntiera tal-ferroviji tqarreb liċ-ċittadini lejn xulxin, tippermettilhom jesploraw l-Unjoni fid-diversità kollha tagħha u trawwem il-koeżjoni soċjoekonomika u territorjali, b'mod partikolari, billi tiżgura konnettività aħjar fi ħdan l-Ewropa u maż-żoni periferiċi, anke permezz ta' konnessjonijiet reġjonali transfruntieri; jilqa' l-istabbiliment ta' sħubijiet għall-iżvilupp ta' servizzi komuni, inkluża l-integrazzjoni tal-iskedi u tal-biljetti, f'xi reġjuni transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja inizjattivi ta' dan it-tip, u jitlob lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi t-trasport tar-roti fuq il-ferroviji transfruntiera;
31. Jappella għal aktar diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u politiki ta' interoperabbiltà msaħħa biex jiġi żgurat li s-servizzi pubbliċi diġitali jkunu interoperabbli u transfruntiera b'mod awtomatiku; jenfasizza l-importanza tal-appoġġ għall-innovazzjoni diġitali fost is-servizzi pubbliċi u l-kumpaniji fir-reġjuni transfruntiera u jilqa' f'dan ir-rigward il-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej (EDIH);

Swieq tax-xogħol transfruntieri dinamiċi;

32. Jilqa' d-diversi miżuri importanti li ttieħdu biex jiġu indirizzati l-asimmetriji soċjoekonomiċi fil-fruntieri; jiddispijaċih, madankollu, dwar in-nuqqas ta' evalwazzjonijiet speċifiċi u ta' statistika komparattiva biex tinkiseb ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-SMEs transfruntiera, ħaġa li hija aktar ta' dispijaċir minħabba l-fatt li l-SMEs jirrappreżentaw 67 % tal-impjiegi totali u kważi 60 % tal-valur miżjud tal-Unjoni;
33. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi fil-fond taċ-ċirkostanzi soċjoekonomiċi tal-SMEs transfruntiera, filwaqt li tiġbor valutazzjonijiet speċifiċi u statistika komparattiva;
34. Jirrimarka li, skont it-tmien rapport dwar il-koeżjoni tal-Kummissjoni²¹, l-indikaturi tal-Interreg juru li 68 % biss tal-miri tal-2023 għall-mobilità tal-ħaddiema transfruntiera kienu ntlaħqu sa tmiem l-2020, filwaqt li f'oqsma oħra l-miri kienu ntlaħqu sa 495 %; iħeġġeġ lill-Istati Membri jkomplu fuq din it-triq sabiex jilhqnu l-miri tal-2023;
35. Jirrikonoxxi l-importanza għall-Istati Membri li jiżguraw id-dħul mit-taxxi, is-sistemi tas-sigurtà soċjali, kif ukoll id-diversità tat-taxxi nazzjonali; jappoġġja u jimpenja ruħu li jimmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-pakkett tat-taxxa tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2020 biex tiġi żgurata tassazzjoni ġusta, effikaċi, sostenibbli u li tirrispetta l-ambjent diġitali;
36. Jissottolinja, madankollu, li fin-nuqqas ta' provvista adegwata ta' impjiegi jew opportunitajiet ekonomiċi oħra u meta jitqies il-livell baxx ta' salarji, il-forza tax-xogħol b'livell tajjeb ta' edukazzjoni għandha t-tendenza li temigra lejn reġjuni fejn hemm numru adegwat ta' opportunitajiet u b'hekk tagħmel is-sitwazzjoni f'żoni remoti tal-

²¹ Il-Kummissjoni Ewropea, *Il-Koeżjoni fl-Ewropa lejn l-2050 - It-tmien rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali*, id-9 ta' Frar 2022.

fruntieri saħansitra aktar diffiċli;

37. Jemmen li l-politika ta' koeżjoni għandha tkun aktar orjentata lejn l-investment fin-nies billi l-ekonomiji tar-reġjuni tal-fruntieri jistgħu jingħataw spinta permezz ta' ġabra effettiva ta' investimenti fl-innovazzjoni, fil-kapital uman, fil-governanza tajba u fil-kapaċità istituzzjonali;
38. Jemmen li r-reġjuni tal-fruntiera li jesperjenzaw sfidi partikolari għandhom jirċievu appoġġ imfassal apposta (eż. permezz ta' sinerġiji akbar bejn il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni) għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji fit-tul ibbażati fuq diversifikazzjoni ekonomika, u politiki ta' taħriġ mill-ġdid u taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja;
39. Ihegġegħ lill-Istati Membri jipparteċipaw bis-sħiħ fl-isforzi tal-Kummissjoni biex tinkiseb iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, li, f'sinerġija mal-aġenda għall-ħiliet għall-Ewropa u iż-Żona tar-Riċerka, se tiżgura aċċess għal edukazzjoni u taħriġ immirati fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera, billi tipprovi servizzi edukattivi komuni, billi tiżgura r-rikonossiment reċiproku tad-diplomi, tal-ħiliet u l-kwalifiki u billi tinkoraġġixxi l-apprendistat;
40. Ihegġegħ l-avvanz tal-programmi għall-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE fil-fruntieri esterni tal-Unjoni u r-reġjuni tal-fruntieri tal-pajjiżi ġirien; jirrikonoxxi l-isfidi ta' din il-kooperazzjoni minħabba d-differenzi regolatorji bejn dawn ir-reġjuni; jikkunsidra din il-kooperazzjoni bħala għodda importanti għall-avvanz tal-politika ta' tkabbir tal-UE; jenfasizza li l-promozzjoni tal-kooperazzjoni transfruntiera bejn ir-reġjuni ġirien tista' tikkontribwixxi b'mod kruċjali biex jiġu ffaċċjati sfidi kbar li jaffettwaw lill-Unjoni (eż. l-iżguraw ta' futur sostenibbli għall-Mediterran, il-Baħar Baltiku u baċini marittimi oħra; l-iżguraw ta' futur sostenibbli għall-Alpi, il-Pirinej, il-Karpazji u firxiet oħra ta' muntanji; u l-iżguraw ta' futur sostenibbli għall-baċini tax-xmajjar il-kbar bħar-Renu, id-Danubju u l-Meuse);
41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw, b'urġenza, implimentazzjoni u infurzar xierqa tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-ħaddiema transfruntiera u fruntaliera, itejbu l-kundizzjonijiet tal-impjieg, tax-xogħol u tas-saħħa u s-sikurezza tagħhom, u biex jindirizzaw il-ħtieġa li jiġi rivedut il-qafas leġiżlattiv eżistenti inkluż ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali²² sabiex tissaħħaħ il-portabbiltà tad-dritt u tiġi żgurata koordinazzjoni adegwata tas-sigurtà soċjali, jirrieżaminaw ir-rwol tal-aġenziji tax-xogħol temporanju, tal-aġenziji ta' reklutaġġ, intermedjarji u sottokuntratturi oħrajn bil-ħsieb li jiġu identifikati nuqqasijiet ta' protezzjoni fid-dawl tal-prinċipju ta' trattament ugwali; ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jirrikonoxxu r-realtà u d-diffikultajiet assoċjati maż-żieda fit-telexogħol, jiggwarantixxu li dawk li jaħdmu bit-telexogħol mill-pajjiż ta' residenza tagħhom ikollhom aċċess għal drittijiet tas-sigurtà soċjali, drittijiet tax-xogħol u reġimi fiskali, u ċertezza fir-rigward tal-awtorità responsabbli għall-kopertura tagħhom;

²² Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

42. Jirrikonoxxi li rikonoxximent aktar rapidu u aktar komprensiv ta' diplomi u kwalifiki oħra miksuba wara t-taħriġ, kura tas-saħħa mtejba, espansjoni tat-trasport lokali u fuq distanzi twal u aċċess aħjar għall-informazzjoni dwar postijiet tax-xogħol battala huma meħtieġa fir-reġjuni tal-fruntiera; jissottolinja l-ħtieġa ta' żieda fil-fondi biex tiġi ffaċilitata koordinazzjoni aħjar bejn is-sistemi legali u amministrattivi nazzjonali ġirien, speċjalment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-ħaddiema u l-ġbir ta' data dwar il-ħaddiema transfruntiera, sabiex jitnaqqsu l-lakuni fil-prattiki nazzjonali, jinkiseb aċċess aħjar għall-informazzjoni disponibbli, u jinħoloq suq intern tax-xogħol prevedibbli u aċċessibbli; jišhaq li dawn il-problemi joħolqu theddida saħansitra akbar għall-ħaddiema transfruntiera li ġejjin minn u lejn pajjiżi mhux tal-UE;
43. Jemmen li d-diġitalizzazzjoni tipprovdi opportunità bla preċedent biex tiġi ffaċilitata l-mobilità tal-forza tax-xogħol filwaqt li l-konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-UE ssir aktar veloċi u aktar faċli biex tiġi kkontrollata; jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, tressaq proposta leġiżlattiva għal dokument Ewropew tas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema mobbli u ċ-ċittadini mhux tal-UE kollha li huma koperti mir-regoli tal-UE dwar il-mobilità intra-UE mingħajr aktar dewmien, li jipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali u lis-sħab soċjali rilevanti bi strument li jiżgura identifikazzjoni effettiva, traċċabbiltà, aggregazzjoni u portabbiltà tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u jtejjeb l-infurzar tar-regoli tal-UE dwar il-mobilità tax-xogħol u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali fis-suq tax-xogħol b'mod ġust u effettiv sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-UE;
44. Jirrimarka li bħalissa ma jeżistix rikonoxximent reċiproku tal-istatus tad-diżabilità bejn l-Istati Membri tal-UE, u dan joħloq diffikultà għall-persuni b'diżabilità, minħabba li l-karta tad-diżabilità nazzjonali tagħhom jaf ma tiġix rikonoxxuta fi Stati Membri oħra; iqis li dan in-nuqqas joħloq limitazzjoni, speċjalment għall-ħaddiema u l-istudenti fruntaliera b'diżabilità billi jikkomprometti d-dritt tagħhom għal servizzi adegwati; jirrikonoxxi l-valur tal-karta tad-diżabilità tal-UE li tippermetti rikonoxximent reċiproku tal-istatus tad-diżabilità fl-Istati Membri kollha li qed jipparteċipaw fil-proġett bħalissa; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni se tipproponi l-ħolqien ta' karta tad-diżabilità Ewropea sal-aħħar tal-2023 sabiex din tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha;

Ir-reġjuni tal-fruntieri għall-Patt Ekoloġiku Ewropew

45. Jirrimarka li diġà jeżisti qafas legali importanti tal-Unjoni, inklużi d-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats u d-Direttiva Qafas tal-Unjoni Ewropea dwar l-Iлма²³, kif ukoll l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030, li jridu jiġu implimentati b'mod sħiħ, sistematiku u konġunt mill-Istati Membri fir-reġjuni transfruntieri; jirrimarka li n-natura, il-klima, id-diżastri naturali u l-mard ma jiqfux fil-fruntieri nazzjonali u jappella għal protezzjoni koordinata u koerenti ta' siti ta' Natura 2000 biex jiġu żgurati miżuri ta' implimentazzjoni aktar integrati; iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-Istati Membri jersqu lejn grad ogħla ta' armonizzazzjoni u koordinazzjoni fl-applikazzjoni ta' dawn id-Direttivi u ta' Direttivi oħrajn; jissottolinja li l-ippjanar u l-ġestjoni tar-riskju tad-diżastri huwa dominju li fih il-kooperazzjoni transfruntiera hija fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-komponent relatat maż-żoni transfruntiera tal-

²³ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma. ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

istrateġiji nazzjonali jew reġjonali għall-adattament għat-tibdil fil-klima billi tipprovdi azzjonijiet speċifiċi biex jiġu inkoraġġuti risposti adegwati;

46. Jirrimarka li t-tibdil fil-klima għandu wkoll impatt serju fuq ir-reġjuni tal-fruntiera, inkluż billi jobbligahom jiżviluppaw miżuri preventivi transkonfinali komuni mfassla apposta għad-diżastri naturali; ifakkar li l-katastrofi naturali li seħħew fl-2021 affettwaw diversi reġjuni tal-fruntieri fil-Belġju, fi Franza, fil-Lussemburgu, fin-Netherlands, u fil-Ġermanja; jenfasizza l-obbligu għall-Istati Membri fl-ambitu tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili biex iwettqu fuq bażi regolari valutazzjonijiet tar-riskju u analiżijiet ta' xenarji ta' diżastru li jkopru kooperazzjoni transfruntiera kif ukoll jirrappurtaw dwar riskji ewlenin li jkollhom impatt transfruntier; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, bil-ħsieb ukoll li jittejjbu s-sistemi ta' twissija bikrija fir-reġjuni tal-fruntiera; jilqa' f'dan ir-rigward il-proġetti tal-Interreg Rhine-Meuse dwar is-sikurezza pubblika, il-ġbir tad-data, il-ġestjoni transfruntiera tax-xmajjar u l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-ippjanar spazjali għat-tnaqqis tar-riskju tal-ġhargħar;
47. Iqis li fiduċja reċiproka, rieda politika u approċċ flessibbli fost il-partijiet ikkonċernati f'diversi livelli, li jinkludu s-soċjetà ċivili, huma vitali biex jingħelbu l-ostakli u tingħata spinta lit-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli fir-reġjuni tal-fruntieri; jappella, għaldaqstant, għal koordinazzjoni aħjar u djalogu u l-iskambju ulterjuri tal-aħjar prattiki fost l-awtoritajiet; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu din il-kooperazzjoni; jistieden lill-Istati Membri, barra minn hekk, jiżguraw l-awtonomija funzjonali u finanzjarja adegwata tal-awtoritajiet lokali u reġjonali rispettivi; jisħaq barra minn hekk li r-reġjuni tal-fruntieri kollha jeħtiġilhom ikollhom rwol deċiżiv fl-indirizzar tal-sfidi marbuta mat-tibdil fil-klima, permezz ta' azzjonijiet koordinati mar-reġjuni tal-madwar tagħhom;
48. Jinnota li r-reġjuni tal-fruntieri jibbenefikaw ftit wisq mill-użu ta' miżuri tal-ekonomija ċirkolari, tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika; jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq l-avvanzi regolatorji li diġà saru u tiffinanzja sehem akbar ta' proġetti transfruntiera, tal-produzzjoni u tal-kondiviżjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u mill-ħżin; iqis li huwa meħtieġ li jsir l-aħjar użu mill-opportunitajiet ta' kooperazzjoni eżistenti fi ħdan il-qafas legali applikabbli tal-UE u jistieden lill-Istati Membri jtejjbu l-koordinament fir-reġjuni transfruntiera sabiex jimplimentaw l-istrateġija tal-UE għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija; jenfasizza l-potenzjal taż-żoni tal-fruntieri inqas abitati biex jiżviluppaw ekonomiji sostenibbli u ekoloġika u b'hekk joħolqu valur miżjud għall-iżvilupp lokali permezz tal-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi ġodda;
49. Jissottolinja li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri ġirien se tikkostwixxi element ċentrali fil-kisba tal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet eżistenti għall-kooperazzjoni fl-ambitu tal-qafas legali applikabbli tal-UE;

o

o o

50. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill,

lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Parlamenti nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-reġjuni tal-fruntiera jirrappreżentaw aktar minn 40 % tat-territorju tal-UE u jospitaw aktar minn 150 miljun persuna. Ta' spiss, madankollu, għadhom milquta minn ostakli amministrattivi, legali u lingwistiċi persistenti li jxekklu t-tkabbir ekonomiku tagħhom u l-koeżjoni soċjali u territorjali tagħhom. Minħabba f'hekk, dawn ir-reġjuni jkollhom riżultati ekonomiċi inqas tajbin mir-reġjuni li jinsabu 'l ġewwa mill-fruntieri tal-Istati Membri.

Fl-2017 u l-2018, kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Parlament Ewropew eżaminaw is-sitwazzjoni, imma f'dak iż-żmien ħadd ma seta' jipprevedi li d-dinja kollha, u allura anki l-Ewropa u r-reġjuni transfruntiera tagħha, kienet se tiffaċċja pandemija globali li issa ilha aktar minn sentejn. Il-Brexit ukoll kien bidla radikali. Fid-dawl ta' dawn il-kwistjonijiet, ħaġa waħda hija ċara: iċ-ċittadini fir-reġjuni tal-fruntieri jeħtieġu reviżjoni tar-regolamenti li jqisu l-paraliżi tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, l-ostakli għall-moviment liberu u l-konsegwenzi inevitabbli tal-għeluq unilaterali tal-fruntieri.

Sabiex tiċċara s-sitwazzjoni, fl-14 ta' Lulju 2021 il-Kummissjoni adottat il-komunikazzjoni tagħha "Reġjuni tal-Fruntieri tal-UE: Laboratorji ħajjin tal-integrazzjoni Ewropea Din il-komunikazzjoni tagħmilha possibbli, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjoni pubblika taċ-ċittadini tal-fruntieri, li tiġi riflessa s-sitwazzjoni fir-reġjuni tal-fruntieri mar-realtajiet Ewropej il-ġodda u li jiġi eżaminat kif il-programmi tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 jistgħu jintużaw biex jagħtu spinta lill-irkupru.

Ir-rapporteur jifraħ lill-Kummissjoni għall-komunikazzjoni u l-analiżijiet tagħha u jinkludi fir-rapport tiegħu diversi punti li jeħtieġ li jiġu rieżaminati. B'mod partikolari, huwa jenfasizza l-kwistjonijiet urġenti li jitolbu rispons aktar rapidu mill-UE u l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tan-nuqqas ta' servizzi pubbliċi transfruntiera, ħaġa li tirrappreżenta ostaklu kbir għall-iżvilupp ta' dawn ir-reġjuni. Dawn l-ostakli jippersistu b'mod partikolari minħabba differenzi fis-sistemi legali tal-Istati Membri ġirien.

Ir-rapporteur jissottolinja wkoll l-urġenza li jiġi rivedut il-mekkaniżmu tal-ECBM, li jiffaċilita u jagħmel aktar flessibbli inizjattivi transfruntiera ġodda filwaqt li jitneħħew uħud mill-ostakli għall-iżvilupp transfruntier. Il-Parlament Ewropew diġà esprima l-pożizzjoni soda tiegħu dwar din il-kwistjoni.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur ifakkar li l-approċċi nazzjonali biex tiġi miġġielda l-kriżi tas-saħħa kienu parzjalment kontroproduktivi għar-reġjuni tal-fruntieri, wara l-għeluq tal-fruntieri mill-lum għall-għada. Ifakkar ukoll li kien hemm nuqqas ta' evalwazzjoni u ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni attwali tal-SMEs tal-fruntieri, li jammontaw għal aktar minn żewġ terzi tal-impjiegi totali tal-Unjoni u terz tal-PDG Ewropew. Sabiex dan jiġi rrimedjat, hemm bżonn ta' politiki pubbliċi aktar immirati, ibbażati fuq l-ispeċifitàjiet ta' kull reġjun.

Fi ftit kliem, ir-rapport jitlob li l-politiki tal-Unjoni jqisu aħjar l-ispeċifitàjiet tar-reġjuni transfruntiera, sabiex l-Unjoni tkun tista' tagħti rispons aħjar għall-isfidi li jiffaċċjaw dawn ir-reġjuni, kemm fil-livell demografiku, ekonomiku, soċjali u ambjentali.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	12.7.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 37 - : 1 0 : 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Matteo Adinolfi, François Alfonsi, Pascal Arimont, Adrian-Dragoş Benea, Isabel Benjumea Benjumea, Tom Berendsen, Stéphane Bijoux, Vlad-Marius Botoş, Rosanna Conte, Rosa D'Amato, Christian Doleschal, Raffaele Fitto, Chiara Gemma, Krzysztof Hetman, Peter Jahr, Manolis Kefalogiannis, Constanze Krehl, Cristina Maestre Martín De Almagro, Nora Mebarek, Alin Mituţa, Dan-Ştefan Motreanu, Niklas Nienab, Andrey Novakov, Younous Omarjee, Tsvetelina Penkova, Maxette Pirbakas, Marcos Ros Sempere, André Rougé, Susana Solís Pérez, Irène Tolleret
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Karolin Braunsberger-Reinhold, Anna Deparnay-Grunenberg, Isabel García Muñoz, Niyazi Kizilyürek, Mikuláš Peksa, Stanislav Polčák
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Sergio Berlato, Carlo Fianza, Billy Kelleher, Pedro Marques

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

37	+
ECR	Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Raffaele Fitto
NI	Chiara Gemma, Maxette Pirbakas
PPE	Pascal Arimont, Isabel Benjumea Benjumea, Tom Berendsen, Karolin Braunsberger-Reinhold, Christian Doleschal, Krzysztof Hetman, Peter Jahr, Manolis Kefalogiannis, Dan-Ştefan Motreanu, Andrey Novakov, Stanislav Polčák
RENEW	Stéphane Bijoux, Vlad-Marius Botoş, Billy Kelleher, Alin Mituţa, Susana Solís Pérez, Irène Tolleret
S&D	Adrian-Dragoş Benea, Isabel García Muñoz, Constanze Krehl, Cristina Maestre Martín De Almagro, Pedro Marques, Nora Mebarek, Tsvetelina Penkova, Marcos Ros Sempere
THE LEFT	Niyazi Kizilyürek, Younous Omarjee
VERTS/ALE	François Alfonsi, Rosa D'Amato, Anna Deparnay-Grunenberg, Niklas Nienaß, Mikuláš Peksa

1	-
ID	André Rougé

2	0
ID	Matteo Adinolfi, Rosanna Conte

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni